MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Numru 1029/2009

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
***OMMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, *Ommissis A*, iben Alfred u Mary Ann imwieled Lillicrapp, imwieled Pieta' fl-20 ta' Marzu 1991, residenti Gawhra, Triq il-Btiehi, Marsaskala u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 165791(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-23 ta' Mejju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew qassam jew wera ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha eletrronika indicenti bhal dawn, jew

kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi uhux minn dawn ir-ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici indecenti juru persuni taht l-eta' li ma kinux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 208(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat *Ommissis A* hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 37 u 208A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7 u 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat *Ommissis A* taht Ordni ta' Probation ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatment Order, taht il-psikologa Dr. Roberta Holland ghal perijodu ta' sena, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Dr. Roberta Holland.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' dak l-apparat kollu illi kien jikkontjeni l-materjal pornografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Dr. Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa nett, il-fatt illi kien ghadu minorenni fid-data citata fl-akkuza u in vista tal-rezultanzi tar-rapport Dok.ED mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------